MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2009

Numru. 559/2000
Kawza Numru. 24

**Il-Pulizija**
**Spettur Neil Harrison**
**Spettur Simon Galea**

**vs**

**Adrian Bianchi**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Adrian Bianchi ta’ 23 sena, iben Giovanni u Esmeralda nee’ Dalli, imwieled Qormi fis-26 ta’ Gunju 1977, residenti 54, St. Benedict Street, Qormi u detentur tal-karta tal-identita’ numru 357677(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F' dawn il-Gzejjer fit-2 ta' Awwissu 2000 u fix-xhur qabel dina d-data, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li kisru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b' rizoluzzjoni wahda :-

a) **Forna** jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga **eroina**, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza, dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna/i, jew ghall-persuna/i, minghajr ma' kellu licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma' kien awtorizzat bir-regoli tal-1939, ghall-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta, li jforni d-droga msemmija, minghajr ma' kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-6 taqsima tal-Ordinanza imsemmija, u minghajr ma' kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939, ghall-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) Ukoll talli kellu fil-**pussess** tieghu d-droga **eroina**, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma' kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 taqsima tal-Ordinanza, u meta ma' kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija u ma' kienx b' xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu dina d-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija, u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

c) Kellu fil-**pussess** tieghu r-**raza** mehuda mil-pjanta **Cannabis** u dan bi ksur tal-artiklu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

d) Kellu fil-**pussess** tieghu l-**pjanta Cannabis** kollha jew parti minnha bi ksur tal-artiklu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

e) F’dawn il-Gzejjer fit-2 ta’ Awwissu 2000, b’ nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’ nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’ nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, ikkaguna il-mewt ta’ Jason Sammut, iben Emanuel u Carmela nee’ Zammit, imwieled Pieta’ fis-16.02.76 u detentur ta’ karta tal-identita’ numru 155676M,

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjes li ghandhom x’ jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali datat 4 ta’ Awissu 2000 (esebit a fol. 10 tal-atti processwali) fejn bis-sahha tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 ordna li l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali sabiex iwiegeb ghall-akkuza migjuba fil-kofnrotnti tieghu bi ksur tal-istess Ordinanza.

Rat il-kontr-ordni tal-Avukat Generali datat 3 ta’ April 2001 (esebit a fol. 281 tal-process) fejn huwa baghat l-atti lil din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 25 ta’ Novembru 2003 (esebita a fol. 389 tal-process) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) Fl-artikoli 255, 17(b), 20, 22, 23, 30 u 533 tal-Kodici Kriminali ;

Rat li waqt l-udjenza tal-15 ta’ Dicembru 2003, l-imputat Adrian Bianchi ddikjara li hu m’ ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-provi.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza ;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fit-2 ta' Awwissu 2000 ghall-habta tad-9.30pm dahal rapport fl-Ghassa ta' B'Kara mill-Casualty Department tal-Isptar San Luqa li fil-fond 116, Brared Street, B'Kara kien hemm persuna mejta u s-suspett kien li din kienet mietet b'overdose ta' droga. Meta l-Pulizija tad-distrett marru fuq il-post u sabu li kien hemm persuna li giet certifikata bhala mejta minn Dr. Joseph Scerri mill-Mosta Health Centre. U dan kien guvni ta' 24 sena Jason Sammut li kien joqghod fl-imsemmi indirizz mal-genituri tieghu Emanuel u Carmela Sammut. Huwa instab mejjet wiccu l-fuq u mixhut mal-art fil-kamra tas-sodda tieghu. Minn investigazzjonijiet ulterjuri li saru fuq il-post irrizulta wkoll li minn fuq il-post kien ittiehed l-Isptar Leon David Madden li kien habib tal-mejjet ghaliex anki huwa kien instab mitluf minn sensieh fl-istess kamra li kien fiha Jason Sammut. Omm il-mejjet Carmela Sammut informat lil Pulizija li dakinhar filghaxija Leon David Madden li kien habib kbir ta' binha Jason kien gie d-dar taghhom bhal ma kien jaghmel frekwentement u ghall-habta tat-7.40pm binha u Madden kienu hargu flimkien u telqu bil-vettura ta' Madden u huma regghu irritornaw ghall-habta tat-8.15pm u nqaflu fil-kamra ta' Jason. Meta ftit tal-hin wara hija marret thabtilhom fuq il-bieb sabet li l-bieb kien imsakkar u ma kellha ebda risposta minn gewwa.  Dejjem skond Carmela Sammut, aktar tard ghall-habta tat-8.30pm - 8.45pm hareg jigri Madden mill-kamra ta' binha jitlob ghall-ghajnuna u meta hija dahlet fil-kamra tas-sodda rat lil binha mal-art u wara li cemplu ghall-ambulanza binha gie certifkat bhala mejjet u Madden ittiehed l-Isptar. Wara li gie infurmat il-Magistrat tal-Ghassa huwa acceda fuw il-post u hatar diversi esperti sabiex jghinuh fl-investigazzjonijiet (process verbal relattiv inserit a fol. 50

et sequitur tal-process) u n-nomina tal-esperti mahtura fl-Inkjesta Magisterjali giet debitament konfermata minn din il-Qorti b'digriet tal-25 ta' Awwissu 2000. Minn fuq il-post gew elevati mgharfa mahruqa minn taht liema mgharfa kienet tidher li setghat intuzat sabiex tissajjar id-droga eroina u mill-waste paper basket fil-kamra tal-mejjet instabu tlett iqratas vojta suspettati li kien fihom tracci tal-eroina u f'locker imsakkar instabet borza bic-citric acid, erba' siringi, kif ukoll kwantita' ta' tabakk u bicca raza ta' cannabis ta' daqs zghir. Gew elevati wkoll zewg mobile phones, wiehed appartenenti lil mejjet u l-iehor lil Leon David Madden. Mill-Isptar San Luqa gie konfermat lil Pulizija li Leon David Madden kien qed isofri minn overdose tad-droga eroina izda wara li huwa inghata l-antidote relattiv huwa gie rilaxxjat l-ghada li gie rikoverat. Meta l-Pulizija tkellmet mal-imsemmi Leon David Madden huwa irrilaxxja stqarrija li giet konfermata bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti (esebita a fol. 66 sa 69 tal-atti processwali) fejn dan ikkonferma li kien habib kbir tal-mejjet u qal li huma t-tnejn kienu ilhom madwar sitt xhur jiehdu d-droga eroina Huwa qal ukoll li fit-2 ta' Awwissu 2000 ghall-habta tas-7.30pm kien mar id-dar ta' Sammut peress li kellhom johorgu flimkien u ddecidew li qabel johorgu jiehdu ftit eroina. Huwa qal li Jason Sammut cempel minn fuq il-mobile phone tieghu (ta' Madden) lil certu wiehed li kellu l-laqam tal-Koku u mbaghad marru jiltaqghu ma' dan il-Koku (li x-xhud sussegwentement identifikah bhala l-imputat fil-kawza odjerna u dan kemm meta xehed quddiem il-Magistrat Inkwirenti meta gie muri ritratt tal-imputat kif ukoll meta xehed fil-proceduri odjrerni) hdejn pompa tal-petrol li tinstab f'nofs it-triq fl-inhawi tas-showroom tal-vetturi Lada fejn huma xtraw zewgt iqratas tal-eroina ghall-prezz ta' Lm10 il-wahda minghand l-imputat. Dan ix-xhud spjega li z-zewgt iqratas kienu maghmula minn karti ta' pitazz bir-rigi dojoq. Madden kompla jghid li huma imbaghad regghu marru d-dar ta' Jason Sammut fejn Jason tah wiehed miz-zewg paketti li kienu xtraw u huwa sajjar l-eroina li kien hemm fih f'mgharfa u wara li mela s-siringi Jason taqbu u ghalkemm huwa mbaghad suppost kellu jtaqqab lil Jason, huwa storda u ghalhekk Jason ittaqqab wahdu. Madden qal li meta huwa rega' gie f'sensieh sab lil Jason Sammut fuq

is-siggu bis-siringa mal-art hdejh u mitluf minn sensieh. Huwa prova jaghtih l-ewwel ghajnuna izda kien kollu ghal xejn u huwa ghalhekk qabad xi siringi u oggetti ohra u sakkakrhom f'locker sabiex ma jallarmax lil familjari ta' Jason Sammut u mbaghad sejjah ghall-ghajnuna u dahlet fil-kamra omm Jason Sammut u mbaghad issejhet l-ambulanza fuq il-post. Madden qal lil Pulizijia li hu u Sammut kienu xtraw id-droga minghand l-imputat f'zewg okkazzjonijiet ohra apparti dik ta' dakinhar li miet Sammut. Madden ikkonferma lil Pulizija li dakinhar ghalkemm kienu xtraw zewg pakketti tal-eroina minghand l-imputat kienu uzaw wiehed biss u fil-fatt l-ghada huwa ha lil Pulizija fil-kamra tal-mejjet u indikalhom il-post fejn kien mohbi il-qartas l-iehor tal-eroina. Leon David Madden xehed f'dawn il-proceduri (xhieda relattiva inserita a fol. 383 sa 386 fejn xehed in ezami u a fol. 424 sa 428 fejn xehed in kontro-ezami) fejn ikkonferma dak kollu li kien qal fl-istqarrija guramentata.

Meta l-Pulizija kellmu lill-imputat Adrian Bianchi huwa irrilaxxja stqarrija esebita a fol. 31 u 32 tal-process fejn dan ikkonferma li kien maghruf bil-laqam tal-'Koku' u ghall-ewwel cahad li kien ibiegh l-eroina izda mbaghad aktar tard ikkonferma li dakinhar tal-2 ta' Awwissu 2000 huwa kien biegh zewg pakketti eroina ghal Lm20 lil wiehed li kienu jsejhulu l-Ingliz. Hu qal li din il-persuna ghalkemm kien maghruf bhala l-Ingliz kien fil-fatt jitkellem bil-Malti. Huwa ikkonferma wkoll li kien ghadda dawn iz-zewg pakketti eroina hdejn il-petrol station f'Hal-Qormi maghrufa bhala tal-Gagu. L-imputat qal ukoll li kien dan il-persuna maghruf bhala l-Ingliz li cempillu fuq il-mobile phone tieghu u talbu sabiex ibieghlu zewg pakketti eroina u huwa kien accetta u fil-fatt bieghlu dawn l-imsemmija pakketti.  Fl-istqarrija l-imputat qal li sar jaf bil-mewt ta' Jason Sammut l-ghada waqt li kien bit-trukk tax-xoghol u sema' l-ahbar fuq ir-radio. Huwa qal ukoll li kien jiddispjacih ghal dak li kien gara lil Jason Sammut. Mix-xhieda tal-Ispettur Harrison jirrizulta li ttiehdu proceduri separatament fil-konfronti tal-imputat u ta' Leon David Madden fejn it-tnejn gew akkuzati bi traffikar tad-droga u omicidju volontarju.

Ikkunsidrat:

Illi mir-rapport tal-espert mediku Dr. Mario Scerri (rapport esebit a fol. 99 et sequitur tal-process) jirrizulta is-segwenti:-

*“Illi ma kienx hemm taqlib fuq il-locus fejn instab il-kadavru ta’* ***Sammut****;*
*Illi fuq il-locus instabet mgharrfa, qartas mghaffeg u tapp b’ likwidu car li jistghu ikunu assocjat ma’ tehid ta’ droga;*
*Illi ma kienx hemm sinjali ta’ vjolenza fuq il-kadavru;*
*Illi kien hemm evidenza ta’ puntura friska fuq l-id ix-xellugija tal-kadavru u timboflebite antiki fuq l-id il-leminija, indikazzjoni li* ***Sammut*** *seta kien ghal xi zmien jabbuza mid-droga;*
*Illi mill-evidenza ta’ rigor mortis li kien prezenti fil-muskoli z-zghir tal-wicc u mill-hypostasis li kien qieghed jifforma l-esponent hu tal-opinjoni illi Sammut kien ilu li miet madwar saghtejn mill-hin tal-ezami;*
*Illi l-kulur vjola tal-hypostasis hu normali;*
*Illi l-puntura deskritta fuq l-id ix-xellugija ta’* ***Madden*** *kienet wahda frisk;”.*

Illi mix-xhieda ta’ Dr. Michael Sammut li kien gie nominat bhal espert tat-tossikologija u li xehed fl-udjenza tal-5 ta’ Ottubru 2000 (xhieda inserita a fol. 169 u 170 tal-process) kif ukoll mir-rapport tal-istess Dr. Michael Sammut (inserit a fol. 172 u 173 tal-process) jirrizulta li mill-kamjuni mehuda waqt l-awtopsja ta’ Jason Sammut u analizzati minn Dr. Michael Sammut seta’ jigi konstatat is-segwenti:-

*“Monoacetylmorphine(MAM), the intermediate metabolite between Heroin and Morphine was detected in blood while only traces were detected in urine. This confirms that the origin of the Morphine was Heroin and not some other opiate that has Morphine as one of its metabolites. Furthermore the higher levels of morphine in blood than in urine and the fact that MAM was present predominantely in blookd and not in urine is very suggestive of a rapid death a few minutes after the intake of Heroin.*

*The levels of Morphine found in body fluids cannot be correlated to the effect of Heroin on a person because different persons react very differently to the same dose depending on pattern of abuse which could lead to tolerance. A small dose taken by a non habitual user could be fatal while a habitual user could tolerate much higher doses with no apparent serious consequences.*

*Toxicology results are compatible with autopsy findings of severe congestion and pulmonary oedema strongly suggestive that death was a result of the misuse of Heroin.*

*Other drugs and medicinals (including those indicated in DOCUMENT B of this report) were not found in the specimens analysed."*

Illi mix-xhieda ta Dr. Brigitte Ellul u tal-Professur Marie Therese Camilleri (xhieda u rapport reattiv inseriti a fol. 228 sa 236) li kienu l-esperti nominati mill-Qorti saibex jaghmlu l-awtopsja fuq l-imsemmi Jason Sammut irrizulta is-segwenti:-

*"The following puncture of wounds are present: 2 fresh wounds lie on the lateral aspect of the left wrist; one wound lies at the junction of the upper and middle two thirds of the medical part of the left forearm and a thrombosed vein is present proximal to it; 2 punctured wounds are present on the right side of the forearm at the junction of the upper urine one third with the middle two thirds and overlie a vein which is visible proximal to the puncture wounds.*

*The cause of death of this young male is certified provisionally as being due to pulmonary oedema."*

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda ta' PC 657 Mario Micallef (traskrizzjoni relattiva inserita a fol. 145 sa 147 tal-process) u mix-xhieda ta' PC 1579 Johan Mifsud (xhieda relattiva inserita a fol. 148 u 149 tal-process) irrizulta li meta saret tfittxija

fil-garaxx tal-imputat instab pitazz bir-rigi dojoq suwed u homor b'xi pagni maqtugha u dan il-pitazz gie elevat u jinsab inserit in atti u esebit a fol. 30 tal-process. Mir-rapport tal-espert Ivan Formosa li xehed fl-udjenza tat-8 ta' Marzu 2001 fejn prezenta ir-relazzjoni tieghu jirirzulta li wara ezami komparattiv maghmul minn dan l-espert bejn il-pitazz li gie elevat mill-garaxx tal-imputat u li kien fih il-pagni neqsin u l-qratas li gew elevati mill-Pulizija mill-kamra tal-mejjet dakinhar li nstab mejjet u l-ghada huwa seta' jikkonkludi li l-bicciet imqatta' mill-ewwel pagna tal-pitazz jaghtu indikazzjoni li l-bicciet tal-karti tal-istess dimensjonijiet tal-qratas kienu qed ikunu imqatta' minn dik il-pagna tal-pitazz.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri (xhieda relattiva inserita a fol. 442 sa 467 fejn innega dak kollu li kien qal fl-istqarrija minnu rilaxxjata u qal li ma kienx minnu li kien qal l-affarijiet indikati fl-istqarrija u kien beda' jirrispondi kollox fl-affirmattiv sabiex jehles ghaliex beda' jinkwieta fuq ommu u missieru. Huwa allega li meta gie interrogat il-Pulizija kienu agressivi fil-konfronti tieghu. Huwa cahad li qatt biegh droga lil Leon David Madden u qal li ma kienx jafu lil dan il-bniedem u spjega li fl-istqarrija ammetta certu involviment sabiex jehles mill-paroli ghaliex kien mohhu f'ommu u missieru. Huwa qal ukoll li fil-gurnata ta qabel ma gew ifittxuh il-Pulizija fil-garaxx tal-imghallem tieghu huwa kien qieghed il-garaxx ta' missieru izarma magna u kien mar habib tieghu jismu Rene akkompanjat mit-tfajla tieghu u minn persuna ohra jismu Leon. L-imputat qal li lil Leon ma kienx dahlu fil-garaxx u dan baqa' jistenna barra u wara ftit tal-hin hareg Rene mill-garaxx, dam barra madwar ghaxar minuti jew kwarta, rega dahal u mbaghad dan Rene ha barmil tas-sajd mill-garaxx u telaq mat-tfajla tieghu. In kontro-ezami l-imputat ikkonferma li huwa kien inghata id-debita twissija li seta' jaghzel li ma jirrispondi ghall-ebda domanda u li dak li kien ser jghid seta' jintuza bhala prova kontra tieghu u kkonferma li l-linja tal-mobile bin-numru 0970571 kienet tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi fil-proceduri odjerni l-imputat qed jigi akkuzat b’pussess u traffikar ta’ droga kif ukoll bir-reat ta’ omicidju involontarju, u cioe li huwa forna jew provda d-droga lli Leon David Madden u lil Jason Sammut u li din id-droga eroina li huwa provda lilhom ikkawzat il-mewt ta Jason Sammut. Kif ghadu kemm intqal fil-paragrafu precedenti l-imputat Adrian Bianchi meta xehed f’dawn il-proceduri innega b’mod assolut l-involviment tieghu fil-mewt ta’ Jason Sammut u qal li huwa qatt ma provda jew biegh droga lil Leon David Madden jew lil Jason Sammut. Huwa inoltre qal li dak kollu li qal Leon David Madden fl-istqarrija guramentata u meta xehed f’dawn il-proceduri huwa kollu gideb ghaliex huwa lil Madden ma kienx jafu qabel u rah l-ewwel darba meta mar il-garaxx tieghu ma Rene’ u imbaghad rega’ rah meta tela’ jixhed il-Qorti f’dawn il-proceduri. Irid jinghad mal-ewwel li l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat meta xehed f’dawn il-proceduri m’hijiex kredibbli u ma tistghax titwemmen u dan ghal diversi ragunijiet li huma is-segwenti-

1. Il-Qorti semghat lill-imputat jixhed viva voce u setghat tinnota il-komportament tieghu fuq il-pedana tax-xhieda u dehrilha li ma tistghax temmen dak li kien qed jghid anki ghaliex kien inkonsistenti f’dak kollu li kien qed jghid specjalment waqt li kien qed isirlu il-kontro-ezami mill-abbli Ufficjal Prosekutur.

2. Dak li qal Leon David Madden meta xehed f’dawn il-proceduri u fl-istqarrja guramentata quddiem il-Magistrat Inkwirenti huwa korroborat minn dak li qal l-imputat fl-istqarrija minnu rilaxxjata salv ghall-fatt li Madden jghid li kien Jason Sammut li nizel jixtri d-droga minghand l-imputat filwaqt li l-imputat jghid li kien l-istess Madden li xtara d-droga minghandu minn hdejn il-pompa tal-petrol f’Hal-Qormi.

3. L-imputat xehed li huwa ma kienx jaf lil Madden izda mill-provi u senjatamaent mill-anallizi tat-telefonati li saru minn fuq il-mobile phone ta’ Madden u minn fuq dak tal-imputat irrizulta li effettivament fil-gurnata u fil-hin li qal

Madden saret telefonata minn fuq il-mobile phone tal-istess Madden ghal mobile phone tal-imputat. Irrizulta wkoll li fuq il-mobile phone ta’ Madden kien hemm registrat in-numru tal-mobile tal-imputat taht l-isem tal-‘Koku’, li huwa l-laqam tal-imputat.

Il-Qorti jidrilha li m’ghandha l-ebda raguni ghalfejn tiddubita minn dak li qal Leon David Madden meta xehed f’dawn il-proceduri anki ghaliex kif ghadu kemm appena gie rilevat aktar ‘il fuq dak li qal gie korroborat minn dak li qal l-imputat fl-istqarrija tieghu u minn provi ohra li wkoll diga’ saret referenza ghalihom. Il-Qorti sejra ghalhekk tiskarta kompletament il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat meta huwa xehed f’dawn il-proceduri.

Illi minn dak li xehed Leon David Madden u mill-istqarrija tal-imputat jirrizulta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat prokura id-droga eroina lil Leon David Madden u lil Jason Sammut u li huwa kellu fil-pussess tieghu l-istess droga eroina. L-ewwel zewg akkuzi migjuba fil-konfronti tal-imputat ghalhekk jirrizultaw pruvati sal-grad rikjest mill-ligi u l-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati taghhom. Mill-istqarrija tal-imputat jirrizulta wkoll li huwa kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehudha mill-pjanta cannabis u ghalhekk huwa ser jinstab hati anki tat-tielet(3) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu. Il-Qorti jidrilha li r-raba’(4) akkuza ma tirrizultax pruvata u ghalhekk l-imputat ser jigi liberat minn din l-akkuza.

Ikkunsidrat:

Permezz tal-hames(5) akkuza l-imputat jinsab akkuzat talli li b’nuqqas ta’ hsieb jew bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti ikkaguna il-mewt ta’ Jason Sammut, u cioe’ bir-reat ta omicidju involontarju kontemplat fl-Artikolu 225 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Qabel xejn irid jigi rilevat li fin-nota tieghu tal-25 ta’ Novembru 2003 fejn l-Avukat Generali indika l-Artikoli tal-ligi li tahthom tista’ tinstab htija fil-konfronti tal-imputat gie indikat l-Artikolu 255 u mhux l-Artikolu 225. L-Artikolu 255 jirrigwarda ir-reat tal-ingurja u jipprovdi li ebda procediment ma jista’

jittiehed minghajr il-kwerela tal-parti offiza. Il-Qorti jidrilha li fin-nota ta' rinviju tal-Avukat Generali kien hemm lapsus calami ghaliex huwa evidenti li l-Avukat Generali erronjament iccita l-Artikolu 255 minflok l-Artikolu 225 u li l-izball maghmul mill-Avukat Generali kien biss wiehed tipografiku. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-**Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri)** f'sentenza tal-**10 ta' Novembru 2004** fil-kaz fl-ismiijiet **'Pulizija vs James Demanuele'** fejn l-Avukat Generali kien erronjament indika il-Kap. 65 minflok il-Kap. 66 u ghalhekk l-appellant f'dak il-kaz kien issottometta li ma setghax jinstab hati tar-reati kontemplati fil-Kap. 66. Fl-imsemmi kaz il-Qorti tal-Appell Kriminali cahdet dan l-aggravju peress li dehrilha li l-izball kien wiehed tipografiku li bih l-appellant ma seta' sofra l-ebda pregudizzju ghaliex huwa kien jaf dwar x'hiex kien qed jigi akkuzat. Fil-kaz odjern il-Qorti wkoll jidrilha li sar zball tipografiku mill-Avukat Generali liema zball bl-ebda mod ma jippregudika lill-imputat stante li huwa kien jaf li kien qed jigi akkuzat bir-reat kontemplat taht l-Artikolu 225 u fil-fatt id-Difiza tieghu saret proprju abbazi ta' dan l-Artikolu fis-sens li huwa issottometta li ma giex pruvat in-ness bejn id-droga li allegatament giet prokurata mill-imputat u l-mewt ta' Jason Sammut.

Ikkunsidrat:

Illi ir-reat tal-omicidju kolpuz gie trattat b'mod ezawrjenti mill-**Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri)** fil-kawza fl-ismijiet **'Pulizija vs Richard Grech'** f'sentenza tal-**21 ta Marzu 1996** fejn l-imputat f'dik il-kawza wkoll kien qed jigi akkuzat bi traffikar tad-droga kif ukoll li kkaguna il-mewt ta' terza persuna minhabba li kien prokuralha d-droga u ghalhekk ikun opportun li jigi riportat dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha u cioe':-

*"L-omicidju kolpuz hu trattat fil-ligi taghna fl-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, gia l-Artikolu 239 fl-Edizzjoni tal-1942 ta' dak il-Kodici. Fis-sentenza taghha tal-4 ta' Frar, 1961, fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Perit Louis Portelli****, il-Qorti Kriminali, sedenti l-kompjant Imhallef Joseph Flores,*

*kienet esprimiet ruhha b' dan il-mod a rigward ta' dan ir-reat:*

"*Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-Art. 239 tal-Kodici Penali, illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti – konsistenti **generikament** f' nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"), traskuragni ("negligenza"), jew ta' hila ("imperizia") fl-arti jew professjoni, jew konsistenti **specifikament** f' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti – li tkun segwita, b' ness ta' kawzalita', minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f' kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias"; dik il-kondotta, cioe' illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali; kriterju dan li fil-waqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallieh fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret" (Kollez. Deciz. Vol. XLV. iv.870, 903, emfasi ta' din il-Qorti).*

*Din il-Qorti taqbel perfettament ma din l-espozizzjoni. In fatti, l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali taghna jirreferi ghar-regoli ta' kondotta derivati mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem "nuqqas ta' hsieb", "traksuragni", u "nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni", fil-waqt li dawk ir-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil-kliem "nuqqas ta' tharis ta' regolamenti". Hu appena necessarju jinghad li b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti il-legislatur mhux qed jirreferi biss ghal legislazzjoni sussidjarja (li tigi fis-sehh permezz ta' avvizi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordnijiet etc.) izda ghal kull forma ta' kondotta statutorjament stabbilita, u ghalhekk qed jirreferi ukoll ghal dawk ir-regolamenti promulgati minn enti privati (per ez., ir-regolamenti infassla minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni hsara ghal kull min jahdem jew jidhol f' dik il-fabbrika). In fatti, kemm fil-Codice Zanardelli kif ukoll fil-Codice Rocco, l-espressjoni uzata hi "inorsservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline". Il-Qorti tikkonkludi fuq dan il-punt billi tissottolinea li anke fil-kaz ta' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-essenza tal-kolpa hi l-istess bhal fil-kaz ta' nuqqas ta' hsieb,*

*traskuragni jew imperizj. In-nuqqas ta' osservanza ta' regoli stabbiliti minn xi awtorita' ghat-tharis ta' terzi tammonta ghal negligenza jew imprudenza, il-ghaliex huwa certament imprudendi jew negligenti mhux biss min jitraskura li jiehu dawk il-prekawzjonijiet indikati mill-esperjenza ordinarja tal-hajja, izda wkoll min jitraskura li josserva dawk il-prekawzjonijiet specifikament preskritti minn xi awtorita'.*

*Mill-esperjenza ordinarja tal-mewt tal-hajja, il-hsara fizika jew mentali, jew mewt li setghet tigi kagunata bl-uzu ossia amministrazzjoni ta' din id-droga, kienet prevedibbli ghal-appellant. Fi kliem iehor, hu wera kemm imprudenza kif ukoll traskuragni meta ghadda l-eroina lil Fenech biex dan jamministraha lilu nnifsu. Kif jispjega l-gurista Francesco Carfora (**Digesto Italiano**, Vol. 7, Parte 2, v. Colpa (material penale), Diritto Vigente, p. 775), jekk il-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragjonevolment mistenni minnha sabiex tiprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hi n-negazzjoni ta' din il-virtu', tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certa non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, pero', il-hsara tkun <u>prevedibbli</u> ghalkemm <u>mhux</u> <u>prevista</u>: kieku kienet ukoll prevista, wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b' applikazzjoni tad-dottrina tal-intenzjoni posittiva indiretta.Fil-kaz in dizamina l-appellant forna l-eroina evidentement biex din tigi uzata – dan hu l-element pozittiv tan-ness kawzali; mill-banda l-ohra ma jirrizultax li l-hsara, il-mewt f' dan il-kaz, kienet dovuta ghal xi konkors ta' fatturi eccezzjonali – l-element negattiv tan-ness kawzali (ara, Antolisei, F., <u>op</u>. <u>cit</u>., p. 214). Fi kliem iehor, kieku ma kinitx l-eroina li forna l-appellant, Derek Fenech ma kienx imut meta miet.*

*Pero f' dan il-kaz hemm element iehor li jikkonkretizza n-negligenza tal-appelant: l-inosservanza ta' regolamenti. Il-ligi stess – l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u r-regolamenti maghmula bis-sahha taghha – tipprovdi li hadd ma ghandu jforni eroina jekk mhux meta jkun debitament awtorizzat skond l-istess ligi. Dan id-divjet hu*

*intiz propju biex jevita l-hsara li tista' tigi kagunata minn dawn il-medicini ossia drogi. Meta si tratta tan-non-osservanza ta' dawn it-tip ta' regolamenti, il-kwistjoni tal-prevedibbilita' tal-hsara tassumi importanza minima:"*

Fil-kaz odjern din il-Qorti m'ghandhiex dubju li rrizulta li l-kawza diretta u immedjata tal-mewt ta' Jason Sammut kienet l-eroina fornita lilu mill-imputat. Dan irrizulta kemm mix-xhieda ta' Leon David Madden li qal li hu u l-mejjet kienu xtraw zewg pakketti eroina minghand l-imputat u mbaghad marru id-dar ta' Sammut fejn fethu wiehed mill-pakketti li kienu ghadhom kemm xtraw u huwa haraq l-eroina li kienet f'dan il-pakkett u ppoggiha f'zewg siringi, wahda ghalih u wahda ghal Jason Sammut. Inoltre mir-rapport tal-patologisti legali Brigitte Ellul u l-Professoressa Marie Therese Camilleri kif ukoll mir-rapport tal-espert tossikologu Dr. Michael Sammut, li saret referenza ghalihom aktar 'il fuq f'din is-sentenza, irrizulta li l-mewt ta' Jason Sammut giet kagunata bid-droga eroina.

Id-Difiza qed tissottometti li jista' jkun hemm dubju li Sammut u Madden uzaw droga li kienu xtraw qabel flimkien mad-droga li allegatament xtraw minghand l-imputat u ghalhekk ma jistghax jinghad li gie pruvat in-ness ta kawzalita' bejn il-fatt li l-imputat forna d-droga u l-mewt ta Sammut. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-**Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri)** f'sentenza tal-5 ta' Dicembru 1997 fil-kawza fl-ismijiet **'Pulizija vs Peter Ebejer'** dwar il-grad ta' prova rikjest mill-ligi u cioe' is-segwenti:-

*"Tibqa' biex tigi ezaminata it-tielet propozizzjoni tal-appelant, u cioe' li ma hemmx il-prova tan-ness bejn l-eroina li l-appellant ghadda lil Zammit u l-mewt ta' dan l-istess Zammit. Ta' min ifakkar hawnhekk li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat <u>mir-raguni</u> u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda <u>ombra</u> ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak il-gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi <u>kollha</u>, u b' applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-*

*prosekuzzjoni. Ghamlet sew infatti l-ewwel qorti li ccitat b' approvazzjoni l-ispjegazzjoni moghtija min Lord Denning fil-kaz Miller v. Minister of Pensions (1974) 2 All E.R. 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence "of course it is possible but not in the least probable" the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice" (373-374)."*

Kif diga' intqal fil-paragrafi precedenti din il-Qorti m'ghandhiex dubju li l-mewt ta Jason Sammut giet kagunata b'overdose ta' eroina u li din l-eroina giet fornuta mill-imputat. Madden fil-fatt jghid specifkatament li hu u l-mejjet kienu fethu wiehed mill-pakketti tal-eroina li xtraw minghand l-imputat, li huwa kien haraq il-kontenut ta' dan il-pakkett u li injetta dan il-kontenut f'zewg siringi, wahda ghalih u l-ohra ghal Jason Sammut u imbaghad dan tal-ahhar injettah u huwa intilef minn sensih u meta rega' gie f'sensih ra lil Jason mitluf minn sensih fuq siggu bis-siringa hdejh mal-art. Il-Qorti ghalhekk tikkonkludi li l-kawza prossima tal-arrest kardjo-respiratorju ta' Jason Sammut kienet propju l-eroina li bieghlu l-imputat ftit tal-hin qabel.

Ikkunsidrat:

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti ikkunsidrat il-gravita' tar-reati li taghhom l-imputat qed jinstab hati u sejra ghalhekk timponi piena karcerarja effettiva u multa liema piena karcerarja u multa huma del resto tassattivi ai termini tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta ghar-reati li taghhom l-imputat qed jinstab hati.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi indikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-25 ta' Novembru 2003 kif ukoll l-Artikoli 225, 17(b), 20, 22, 23 u 30 tal-Kap.

9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll l-Artikoli 4, 8 u 22 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Ewwel Skeda u r- 4 u 6 Taqsima tal-istess Kap. 101 u r-Regolamenti tal-1939 (GN292/1939) kif sussegwentement emendati tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-ewwel(1), it-tieni(2), it-tielet(3) u l-hames(5) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah sitt(6) snin prigunerija u multa ta’ sebat elef Ewro (€7,000). Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tar-raba’(4) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuza.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub ihallas lir-Registratur tal-Qorti l-ekwivalenti f’Ewro tas-somma ta’ Lm603.70 liema ammont jirrapprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta’ esperti f’dan il-kaz.

Il-Qorti inoltre qed tordna id-distruzzjoni tad-droga u tal-oggetti konnessi mat-tehid tad-droga li gew esebiti f’dawn il-proceduri liema distruzzjoni ghandha ssir taht id-direzzjoni tar-Registratur tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------